MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru 1035/2010

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

vs

Emmanuel Balzan

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 128177m, akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizouzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igiehel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew

setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn disa telef euro ghad-dannu ta’ Andrew Abela;

2. Fl-istess dasta, lok u cirkostanzi approprja ruhhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ aktar minn disa telef euro ghad-dannu ta’ Andrew Abela, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

3. Sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie ikkundannat b’sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu dehrlu li skond l-artikoli tal-ligi minnhu citati seta’ tinstab htija fl-imputat u ghalhekk baghtitu quddiem din il-Qorti sabiex tiggudikah dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat fl-istadju tal-provi tieghu jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

F’din il-kawza il-Qorti semghet il-provi kollha li resqet il-prosekuzzjoni. Minn dawn il-provi indipendentement mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat r-rejita’ tieghu tirrisulta ben cara. Issa l-akkuza tirreferi ghal dak li ghadda bejn l-imputat u certu Andrew Abela dwar liema jirrizulta li dan ta’ l-ahhar gie defrawdat mill-imputat permezz ta’ artificji u raggiri li jikkonstitwixxu l-element

krucjali ghas-susistenza tar-reat in dizamina. L-imputazzjoni isemmi wkoll l-misappropjazzjoni a detriment tal-istess dannegjat. Din tal-misappropjazzjoni ghandha pero’ tigi assorbita fir-reat aktar gravi tat-truffa li fil-kaz odjern hu wkoll aggravat.
Tiddikjarah hati ghalekk tal-ewwel akkuza, tiddikjara t-tieni assorbita u issibu hati bl-ammissjoni tieghu stess tar-recidiva.

Tosserva li ma kien hemm ebda esperti nominati in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri.

Rat l-Artikoli 308, 310(a)[li jipprovdi piena minn tlettax il-xahar sa seba snin], 49, 50 u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah prigunerija ghall-perjodu ta’ tlett snin u nofs mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------